GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U L-ISPORT
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **11 ta' Frar 2022** **Ref: DDLTS 4/2022**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Is-Sur Omar Seguna – Uffiċċjal Edukattiv għal-Litteriżmu Diġitali**

**Suġġett:** **Il-Jum għal Internet aktar Sikur 2022**

---

Il-Jum għal Internet Aktar Sikur (https://www.saferinternetday.org/) huwa ċelebrazzjoni globali li tindirizza l-opportunitajiet li joffri l-Internet u l-importanza li dan isir spazju aktar sikur. Il-Jum tal-Internet Aktar Sikur ta' din is-sena kienet nhar it-**Tlieta, id-9 ta' Frar 2022**. Is-slogan tal-kampanja għal din is-sena huwa "**Flimkien għal internet aħjar**". Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Trasversali (DLTS) jinkoraġġixxi l-użu tajjeb tal-internet u jħeġġeġ lill-edukaturi, lill-ġenituri u lill-istudenti kollha sabiex joħolqu internet aħjar u sigur għal kulħadd.

L-iskejjel huma ġentilment imħeġġa sabiex jorganizzaw attivitajiet relatati mal-ħarsien fuq l-internet u jżommu nota tal-attivitajiet organizzati f'Malta billi jtellgħuhom https://bit.ly/sid2022.

Bħala parti mill-attivitajiet marbutin ma' Jum għal Internet Aktar Sikur id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Trasversali qed:

a. jorganizza dibattitu *online* f'kollaborazzjoni mal-Migrant Learners Unit u l-Uffiċjal Edukattiv tal-Etika fi ħdan id-Direttorat għat-Tagħlim u l-Programmi t'Assessjar. Dan id-dibattitu *online* ser isir nhar il-**Ġimgħa, 25 ta' Frar 2022 bejn id-9.30am u l-10.30am.** . Tista' tattendi dan is-seminar *online* billi tikklikkja hawn.
b. Iniedi r-registrazzjoni tal-Facts4All MOOC, wara aktar minn sena ta' kollaborazzjoni flimkien mal-European Scholnet u żewġ imsieħba oħra Mediawijs and Faktabaari EDU. Mhux kull informazzjoni li tidher fuq l-internet jew il-mezzi soċjali ta' min wieħed joqgħod fuqha. Iffaċjati b'din il-pjaga ta diżinformazzjoni u aħbarijiet foloz, kull min juża l-internet huwa mħeġġeġ li jiżviluppa ħsieb kritiku. Il-proġett Facts4All, permezz ta' dan il-MOOC, jistieden lill-għalliema kollha tal-primarja u sekondarja sabiex jidħlu għal dan il-kors ġdid biex jiżviluppaw u jimplimentaw approċċi effettivi għall-iskola kollha li jrawwmu l-ħsieb kritiku u jindirizzaw id-diżinformazzjoni *online*. Il-kors ser jibda fl-14 ta' Marzu imma r-reġistrazzjoni hija miftuħa.

Tista' tirreġistra għal dan il-MOOC billi tikklikkja hawn

Għal aktar tagħrif tistgħu tibgħatu lil:
omar.seguna@ilearn.edu.mt

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**